# DON MIKIEL FRANĠISK BUTTIĠIEĠ

## L-EWWEL ISQOF TA' GĦAWDEX

Il-gżejjer ta' Malta u Għawdex, sa madwar 80 sena ilu, kellhom Ragħaj wieħed biss li jieħu ħsieb ta' l-erwieħ tagħhom f'daqqa. Iżda, billi dawn il-gżejjer huma mifrudin minn xulxin bil-baħar li jaf jagħmel tiegħu ma' tulek ja xitwa, u, billi fl-imgħoddi l-mawrien minn gżira għall-oħra ma kien xejn ħafif bħal-lum u ta' sogru, kien jiġri ta' sikwit li l-Għawdxin kienu jdumu s-snin twal bla ma jaraw qatt 'l-Isqof tagħhom. Għalhekk ukoll kien jiġri li ħafna nsara Għawdxin kienu jiżżewġu u saħansitra jmutu mingħajr ma jkunu ħadu qabel il-Griżma ta' l-Isqof. Ma dan żid ukoll illi dawk li kienu jridu jsiru qassisin kien jeħtiġilhom imorru Malta - l-iktar fil-qieraħ tax-xitwa—biex hemmekk jieħdu l-Quddiesa jew xi Ordni ieħor. Il-Vista Mqaddsa tal-parroċċi li, f'dawk iż-żminijiet, l-Isqof kien imġiegħel jagħmel darba kull sentejn, kienet titħalla għal żmien twil, hekk, li darba, tħalliet għal ma' tul 23 sena.

Sabiex titneħħa din il-ħsara li kienet qiegħda ssir fl-erwieħ tal-Għawdxin, il-Kleru ta' Għawdex flimkien mal-poplu qatagħha li jitlob lill-Qdusija Tiegħu, il-Papa, sabiex ikun hekk ħanin u twajjeb li jifred il-Knisja ta' Għawdex minn dik ta' Malta u jagħtiha Isqof għaliha. Il-Papa, li dik il-ħabta kien Piju IX, wara li fela bir-reqqa t-talba tal-Għawdxin, qatagħha mhux le li jifred minn xulxin il-knejjes taż-żewġ gżejjer b'Ragħaj għal kull waħda minnhom, iżda li jibgħat Isqof ta' Għajnuna fil-gżira ta' Għawdex sabiex ikun jista' jaqdi hu fejn ikun meħtieġ dak ta' Malta. Għalhekk bħala Isqof ta' Għajnuna għal Għawdex fis-16 ta' Marzu tal 1863 ġie maħtur Don Mikiel Franġisk Buttiġieġ, u fl-10 ta' Mejju ta' l-istess sena ġie ikkonsagrat Isqof f'Ruma bit-titlu ta' Isqof ta' Lita.

* * *

Don Mikiel Franġisk Buttiġieġ kien għawdxi. Twieled fil-parroċċa tan-Nadur u, sewwa sew fix xaqliba li tmiss marraħal tal-Qala, fit-3 ta' Novembru 1793. Iżda bil-kemm kien għad għandu 9 snin meta ommu u missieru bagħtuh il Belt

Valetta biex jitgħallem għal qassis. Żagħżugħ bieżel u ta' ras tajba daħal fl-Università ta' Malta fejn ħa l-lawrja fit-Teoloġija u l-Quddiesa fl-1816, jiġifieri meta kellu 23 sena biss. Don Mikiel Franġisk meta ħa l-Quddiesa ma ntagħtax għall-għażż jew għall-ġiri, iżda minnufih intafa' b'ruħu u b'ġismu għall-ħidma ta' l-erwieħ. Għalhekk, għalkemm żgħir fiż-żmien, insibuh iqarar ta' kuljum fil-knisja ta' San Pawl tal-belt; kien ukoll Kappillan tal-Kor ta' San Ġwann u wieħed minn dawk il-qassisin ta' San Ġakmu li jassistu mal-morda tal-Belt. Għal 6 snin sħaħ Don Mikiel Franġisk wera ruħu ħad-diem bieżel, bla għejja u bla mistrieħ f'dan il-qasam tal-Mulej u l-Kelma ta' faraġ u l-imġiba qaddisa tiegħu ma' għajru ġibdu fuqu l-imħabba u l-qima ta' kull min sar jafu. U, ġaladarba hu xieraq li l-ħaddiem għaqli u bieżel jiġi mħallas ukoll f'din id-dinja, l-Isqof Mattei, fis-sena 1823, bagħtu u qiegħdu Ragħaj fil-parroċċa tax-Xagħra ta' Għawdex fejn dam 25 sena sħaħ jieħu ħsieb u jaħdem biss għall-ġid ta' l-erwieħ. Iżda l-ħeġġa, is-sabar, l-imħabba u l-għaqal li bihom għandu jkun imżejjen kull min jieħu f'idejh it-treġija ta' l-erwieħ, Don Mikiel urihom l-iktar fis-sena 1837 meta l-mard tal-pesta beda jaħsad mijiet ta' erwieħ u jixħet lil ħafna djar fin-niket u l-ifiq.

Imma, għalkemm Don Mikiel F. kien ilu 25 sena Kappillan ix-Xagħra, il-mixja tiegħu kienet għadha mhux mitmuma. Alla kien għadu jrid ħwejjeġ akbar minnu. Fis-sena 1848 il-Kulleġġjata tal-belt ta' Għawdex sfat mingħajr ir-Ragħaj maħbub tagħha. L-Isqof Sant, bniedem ta' ħaqq liema bħalu, fost it-18-il qassis li kienu tħajru għal dik il-parroċċa ewlenija, għażel lil Don Mikiel Franġisk u qiegħdu Ragħaj tal-Knisja Kulleġġjata u Matriċi ta' Għawdex. Iżda Don Mikiel, minflok li tkabbar f'dan il-post għoli tiegħu, baqa' dejjem dak li kien qabel, bi ħsieb wieħed biss quddiem għajnejh li jagħmel il-ġid lil għajru. Għalhekk hawn ukoll ħadem kemm felaħ, bla ma qatt għejja jew iddejjaq, u baqa' jaħdem għal-15-il sena oħra sakemm imbagħad il-Papa l-Kbir, Piju IX, ħatru Isqof ta' għajnuna lill-Isqof ta' Malta, għall gżira li tatu l-ħajja. Bniedem ta' ħila u ta' għerf mill-akbar, ħaddiem u mħarreġ sewwa fit-treġija ta' l-erwieħ, mhux kburi u bla ma jixtieq jogħla, mogħġub u maħbub mill-Kleru u l-poplu, u, fuq kollox, ta' qalb tajba u li jaf jagħder, x'kien jonqos li ma jsirx hu Isqof ta' Għawdex meta l-Papa msemmi qatagħha li dil-gżira, issa, għandha jkollha r-Ragħaj tagħha?

* * *

L-aħbar sabiħa tal-ħatra ta' l-Isqof Buttiġieġ bħala l-Ewwel Isqof ta' Għawdex waslet f'widnejn il-Għawdxin il-għada stess tal-ħatra tiegħu li saret fit-22 ta' Settembru 1864. Il-ferħ li ġarrab il-poplu Għawdxi għal dik il-bxara sabiħa, iktar tista' taħsbu milli tiktbu jew tfiehmu. Il-għada, jum il-Ħadd, Għawdex bi ħġaru nġabar ir-Rabat ħdejn id-dar ta' l-Isqof il-ġdid igħajjat b'kemm kellu ħila u saħħa għajjat ta' ferħ u ta' "evviva" lill-Papa Piju IX, lir-Reġina u lill-Isqof Buttiġieġ. Wara nofsinhar, mat-tiri tal-kanun tal-Kastell, il-banda ħarġet tħenni t-treqat tar-Rabat bid-daqq ħelu u ferrieħi tagħha qalb iċ-ċapċip ta' l-idejn u l-għajjat tal-"urrah". F'dik il-lejla, imbagħad, saret mixegħla fil-belt u r-rħula kollha ta' Għawdex, u, l-għada, il-Kleru kollu tal-gżira mar jifraħ u jagħti qima lir-Ragħaj ġdid u maħbub tiegħu.

Fit-1 · tax-xahar ta' Ottubru wasal Għawdex il-*Mibgħut tal-Papa*, jew id-*Delegat Apostoliku*, Mons. Don Lwiġ Fernandez, id-Dekan tal-Kattedral ta' Malta, biex jagħti l-pussess lill-Isqof il-ġdid. Dan id-Delegat ġie milqugħ minn ġemgħa kbira ta' Għawdxin ferħanin li marru jistennewh apposta x-xatt u fosthom il-Maġistrat Falzon li stieden u ħa lil Fernandez fil-villa tiegħu, ix-xatt stess, fejn it-tifla ċkejkna tal-Maġistrat resqitlu quddiemu bukkett ward imżewwaq u jfewwaħ b'xhieda ta' qima lejn Missier l-Insara, il-Papa Piju IX.

Id-daħla sollenni ġiet imħollija għat-23 ta' l-istess xahar, jum hekk mixtieq mill-Għawdxin kollha. Il-jum ta' qabel is-Sibt fil-għodu, id-delegat Fernandez telaq lejn il-Knisja Matriċi imżejna daqs għarusa f'jum it-tieġ tagħha 23 Kanonku u x-xhieda magħżulin fost l-aħjar nies tal-gżira, ħadu posthom fuq l-altar il-kbir waqt li Don Franġisk Teuma beda jaqra l-Bolla tal-Papa tal-firda tal-Kattedral il-ġdid. Wara nofs-inhar l-Isqof Buttiġieġ ħa l-pussess tal-Kattedral fil-persuna tal-Kan. Don Karlu Bondìn. Il-għada fil-għodu, il-purċissjoni bdiet ħierġa mill-Kattedral u ġibdet lejn Triq it-Tiġrija biex tiltaqa' mar-Ragħaj il-ġdid u tieħu sehem fid-daħla sollenni tiegħu. Dak il-ħin l-Isqof Buttiġieġ kien jinsab fil-Kunvent tal-Patrijiet Kappuċċini mnejn ġie meħud f'karrozza miġbuda bl-idejn sas-Salib tat-tiġrija. Ċapċip tal-idejn u għajjat ta' ferħ beda jidwi minn tarf sa ieħor tat-triq maħnuqa bin-nies fil-waqt li l-Isqof rikeb id-debba bajda biex jagħmel id-daħla sollenni. Triq it-Tiġrija, kif ukoll it-triqat l-oħra tar-Rabat u tal-belt,

kienu mżejnin b'antarjoli u trofej b'kull għamla, daqs u lewn ta' bnadar iperpru ferħanin maż-żiffa ħafifa tal-għodwa, u b'piramdi għoljin bi qsari bi friegħi tar-rand u tal-klin ifewwaħ, bi ħbula tal-liedna għaddejjin minn piramda għall-oħra, b'tazzi taż-żejt ta' kull lewn imdendlin magħhom, mas-sigar u mal-ħitan tal-bini tat-Tokk, l-iktar, lesti għall-mixegħla ta' filgħaxija.

F'tarf it-telgħa, jew aħjar, fil-bidu tat-Tokk kienu jidhru fil-għoli żewġ anġli li jsaħħru jżommu miż-żewġ naħiet tat-triq kuruna bellusija li, kif l-Isqof wasal taħtha, infetħet u xeħtet xita ta' qronfol u margeriti fil-waqt li l-karti mżewqin, bi kliem ta' tifħir u għana, bdew jittajru 'l hawn u 'l hinn bħal friefet fuq l-irjus ta' poplu maħruġ barra minnu n-nifsu bil-ferħ. Kif l-Isqof qabad it-telgħa tal-belt waqaf, u, kif daħal taħt il-baldakkin imwieżen mis-Saċerdoti, il-kanun tal-Kastell beda jsemma' leħnu kburi, u wieħed abbati ċkejken ta' 12-il-sena, imqanqal sad dmugħ bil-ferħ, qara diskors li bih qasam qalb l-Isqof u qalb kull min kien jisma' (1).

Wara dan, il-purċissjoni kompliet miexja lejn il-Kattedral fejn hemmhekk l-Ewwel Isqof ta' Għawdex għamel l-Ewwel Pontifikal megħjun mill-Kanonki tiegħu. Wara l-Quddiesa l-Isqof ferħan u hieni, ta l-Ewwel barka tiegħu lil uliedu maħbubin u miġburin madwaru kuruna mill-gżira kollha.

Il-għada, imbagħad, jum it-Tnejn, wara nofs-inhar saret it-tiġrija tal-bhejjem u, fil-għaxija, wara li l-banda kienet illha għal ħafna sigħat issemma' leħenha li jgħaxxaq f'nofs it-Tokk sewwa, sar il ġiggifogu li bħalu kien għadu ma sar qatt ġewwa Għawdex.

* * *

Wara l-festi, l-ewwel ħsieb ta' l-Isqof Buttiġieġ kien li jibda jlibbes u jżejjen kif jixraq lid-Djar t'Alla l-knejjes ta' Għawdex; għen bi flusu t-tagħlim nisrani tat-tfal żgħar u l-iktar ta' San Ġakmu; għammar il-palazz b'kull ma kien jeħtieġ u jixraq lill-qatgħa tiegħu; xtara l-isbaħ ħwejjeġ imqaddsa meħteġin għall-festi ta' ma' tul is-sena; waqqaf is-Seminarju u għolla 'l fuq it-tagħlim ta' dawk iż-żgħażagħ li kienu jridu jsiru Saċerdoti.

---

(1) Dan l-abbati, meta kiber, sar Qassis, Dun Ġużepp Farrugia, li wara laħaq Professur tal-latin fil-Liċeo ta' Għawdex, Bibljotekarju u Kanonku tal-Kattedral.

L-Isqof il-ġdid kien jilqa', kull xħin ikun, lill-Kappillani tar-rħula u lil kull wieħed kien jagħtih il-parir għaqli tiegħu u jfarrġu fin-niket tal-ħajja. Ma kienx jitlef żmien meta jiġi msejjaħ biex jagħmel il-Griżma lit-tfal żgħar morda. Hu nnifsu beda jżur l-isptarijiet u djar oħra meta reġa' deher il-mard qerriedi u jfarraġ lil kull wieħed u jgħallmu jittama fil-ħniena t'Alla.

Il-kmand tiegħu, l-Isqof Buttiġieġ, kien ħelu; ħiċ-ċanfir, meqjus u ħanin; qalbu f'idejh ma' kulħadd u jagħli jekk xi darba kien ikollu jiċħad xi talba. Għalkemm imdaħħal fiż-żmien fetaħ minnufih il-Vista Mqaddsa u, bħala radd il-ħajr 'l Alla, għamel pirċissjoni bil-kleru kollu tal-gżira mill-Kattidral għall-Kunvent tal-Kappuċċini, u minn hawn lura.

Iżda, issa, jum il-ħlas kien riesaq għalih ukoll. Oħtna l-mewt xirfitlu kerha fl ewwel jiem ta' Lulju tal-1866 u daħlet fuqu u ħasditu bil-minġel tagħha fit-12 ta' l-istess xahar wara ħajja ta' madwar 73 sena.

Miet l-Isqof Buttiġieġ, iżda miet ta' qaddis bħalma għex f'ħajtu, imsaħħaħ u mfarraġ mill-għodda tad-din nisrani tagħna u mdawwar minn għadd kbir ta' Saċerdoti. Miet, mibki u mitħassar minn kulħadd. Miet, iżda għalkemm iż-żmien jeqred u jnissi, il-ġid li għamel lill-poplu għawdxi ma jintesa qatt, u ismu jibqa' mfaħħar u mbierek għal dejjem.

P. Pawl Tabone O.F.M.